**27 ta' Frar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Victor Chetcuti

*versus*

Onor. Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Żball - Appell - Rikors - Qorti - Korrezzjoni - Nullita` - Forma**

*Fil-kors tas-smigħ ta' l-appell ġiet eċċepita n-nullita` ta' l-appell billi r-rikors promotorju ta' l-istess kien intestat bħala magħmul "Fil-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali" minflok "Fil-Qorti Kostituzzjonali". Dina*

*s-sentenza kienet tirrigwarda dina l-eċċepita nullita'.*

*Il-Qorti osservat li tali żball seta' jiġi korrett fuq talba appożitu u ma kienx il-każ li dak l-appell jiġi ddikjarat null minħabba nuqqas fil-forma. Speċjalment f'każijiet fejn ikun hemm allegat ksur ta' drittijiet fondamentali l-Qorti trid tmur għas-sentenza tal-kwistjoni mingħajr ma tintilef f' formaliżmi. L-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili kien jippermetti li ssir il-korrezzjoni meħtieġa u l-Qorti hekk ordnat.*

Il-Qorti:-

F'din il-kawża l-Qorti jeħtiġilha qabel xejn tiddisponi minn eċċezzjoni proċedurali dwar in-nullita' tar-rikors ta' l-appell quddiem din il-Qorti. In linea preliminari r-rikorrent fir-rikors promotorju ta' din l-istanza qed jeċċepixxi preliminarjament "fir-risposta u appell inċidentali tiegħu" illi "l-appell huwa null stante li ġie intavolat "fil-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali"";

L-appellati jissottomettu illi bħala prinċipju l-appelli introdotti f'Qorti ta' sekond'istanza li mhix dik kompetenti huma nulli. Huma jiċċitaw ġurisprudenza lokali fosthom il-kawża **Av. Prof. Joseph M. Ganado *vs* Onor. Dr. G. Borg Olivier** li fiha ġie ddikjarat bħala mhux attendibbli appell introdott fil-Qorti Kostituzzjonali meta kellu jsir fil-Qorti ta' l-Appell. Iċċitaw ukoll il-kawża **Dr. George Borg Olivier *vs* Carmelo Coleiro** (App. deċiż fis-26 ta' Frar, 1976) li bih appell li kellu jiġi introdott fil-Qorti Kostituzzjonali ġie mdaħħal fil-Qorti ta' l-Appell u konsegwentement ġie ddikjarat null;

L-appellant isostni li d-desinjazzjoni żbaljata tal-Qorti bħala "l-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali" kienet żball tal-pinna u li dan

l-iżball ma jikkrea l-ebda konfużjoni tant li r-risposta għall-appell u l-appell inċidentali saru mill-appellati fil-Qorti Kostituzzjonali. Hu ukoll jiċċita ġurisprudenza kopjuża li fiha ġie ritenut li l-Qorti tista' tippermetti korrezzjonijiet anke fl-isem tal-Qorti billi hekk jiġi evitat "il-formaliżmu u r-rigoriżmu esaġerat fil-proċeduri ġudizzjarji";

L-appellanti jinvokaw ukoll l-artikolu 175 kif emendat in sostenn tat-talba tagħhom għall-korrezzjoni opportuna;

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

F'materja Kostituzzjonali li tinvolvi l-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, il-Qorti trid neċessarjament tkun iggwidata bis-sostanza tat-talba u ta' l-allegata vjolazzjoni attwali jew mhedda. Id-dritt fondamentali m'għandux ikun jiddependi mill-formaliżmu jew legaliżmu jekk xejn għaliex id-dewmien ikun jista' mhux biss ikun preġudizzjevoli għall-ħarsien ta' dan id-dritt imma ukoll fatali. Infatti l-Kostituzzjoni stess fis-subinċiż 7 ta' l-artikolu 46 tipprovdi illi għandhom isiru regolamenti "biex jiġi żgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u illi s-smigħ għandu jkun b'kull ħeffa possibbli". Il-Qorti żżid "u bl-inqas formalita` possibbli". Biex wieħed jieħu l-argument għall-assurd jekk bniedem ikun ser jingħata l-piena kapitali bla proċess ġudizzjarju xieraq, il-Qorti ma tistax tintilef biex teżamina jekk ir-rikors ġiex introdott quddiemha bl-intestatura ġusta;

Dan ma jfissirx illi allura kull irregolarita` għandha tiġi sanzjonata. Ifisser illi n-nullitajiet għad-defiċjenzi proċedurali għandhom ikunu skoraġġiti u li l-atti fejn hu possibbli salvati. Ifisser ukoll illi l-ġurisprudenza ċċitata fejn tirrigwarda kompetenzi oħra

m'għandhiex titqies li hi applikabbli għall-proċedura speċjali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn l-unika preokkupazzjoni tal-Qorti għandha tkun it-tħaris tad-dritt fondamentali. Naturalment sakemm id-defiċjenza proċedurali ma tippreġudikax sostanzjalment lill-kontroparti. Sostanzjalment fis-sens li tpoġġih f'posizzjoni inferjuri fil-kontestazzjoni tat-talba fir-rikors jew tiżvantaġġah a sua volta fid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq;

Fil-każ in eżami tali preġudizzju fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax. Infatti r-rikors ta' l-appell ġie introdott bl-intestatura "Fil-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali". Issa hu paċifiku li din mhix in-nomenklatura preċiża ta' din il-Qorti. Hu paċifiku ukoll pero' li din il-Qorti Kostituzzjonali hija ukoll Qorti ta' Appell. Hu allura ovvju illi - anke bla ma wieħed jieħu kont tal-kontenut ta' l-att - dan ir-rikors ta' appell kellu jkun kif kien miġjub quddiem din il-Qorti u li ma setax ġie mgħoddi għall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li m'għandhiex kompetenza Kostituzzjonali. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-intestatura kienet dovuta għal żball - tal-pinna jew xort'oħra - li kien immedjatament ovvju *ictu oculi*;

F'dan il-kuntest mhix korretta s-sottomissjoni ta' l-appellati illi l-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 kif emendat ma jippermettix il-korrezzjoni fl-isem tal-Qorti kif mitlub mill-appellanti. Dan is-subinċiż jaqra hekk:

"175(2) "Kull Qorti fi grad ta' appell tista' ukoll tordna jew tippermetti f'kull żmien sas-sentenza li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew it-tweġiba kif ukoll kull żball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata jew f'dak tal-partijiet jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru jew fid-data tas-sentenza appellata";

Hu ovvju li jekk il-liġi tippermetti korrezzjoni ta' żbalji f'elementi tant fondamentali bħall-isem tal-Qorti li tat is-sentenza appellata, *id-data ta' dik is-sentenza jew tl-isem u l-kwalita' tal-partijiet*, *multo magis* tista' takkorda korrezzjoni ta' żball ovvju fl-isem tal-Qorti li quddiemha jkun qed isir l-appell. Biżżejjed jingħad illi wieħed jista' jimmaġina każ estrem fejn dawn il-konnotati kollha jkunu żbaljati u xorta l-Qorti tkun tista' tordna jew tippermetti l-korrezzjoni ta' l-att;

Dan kollu qed jingħad *in subsidium* għall-konsiderazzjonijiet prinċipali tal-Qorti fir-rigward tan-natura speċjali tal-proċeduri Kostituzzjonali quddiem din il-Qorti li waħedhom jiġġustifikaw li l-korrezzjoni mitluba tiġi awtorizzata;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni preliminari *tan-nullita'* avvanzata mill-appellati u tordna l-korrezzjoni tar-rikors ta' l-appell billi jiġu kkanċellati mill-isem tal-Qorti l-kliem "ta' l-Appell". Tordna li l-kawża tkompli tinstema' fil-meritu;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu a kariku ta' l-appellanti li pprovokah.